MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 809/1995/1

**Victoria *sive* Vivie armla ta' Carmelo Cremona, Josephine mart John Mary *sive* Jimmy Gatt, u l-istess Jimmy Gatt għal kull interess li għandu, Anna mart Leo Grech, u l-istess Leo Grech għal kull interess li għandu, Stephen Cremona u Cornelia mart l-istess Stephen Cremona għal kull interess li għandha**

***Versus***

**Carmelo Chetcuti f'ismu *proprio* u l-istess Carmelo Chetcuti bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Salvatore Estates Limited*; u b'dikriet tat-22 t'Ottubru 1998 is-soċjetà *Mid-Med Bank p.l.c.*, illum *HSBC Bank Malta p.l.c.* ġiet ammessa fil-kawża *in statu et terminis***

B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2004 din il-qorti iddikjarat illi l-konvenut Carmelo Chetcuti waqaf mill-ħlasijiet lill-kredituri tiegħu fid-9 ta' Ġunju 1995 u huwa fi

stat ta' falliment, waqt illi s-soċjetà konvenuta *Salvatore Estates Ltd* waqfet mill-ħlasijiet tagħha fil-31 ta' Mejju 1989 u wkopll hija fi stat ta' falliment. Fl-10 t'Ottubru 2006 ingħata dikriet ta' verifika tal-krediti. Il-kuraturi tal-falliment sabu illi l-konvenuti ma għandhomx assi li minnhom jistgħu jitħallsu l-kredituri.

L-artt. 517 *et seqq*. tal-Kodiċi tal-Kummerċ iridu illi, wara l-verifika tal-krediti, isir akkordju bejn il-fallut u l-kuraturi sabiex tkun tista' ssir ir-rijabilitazzjoni tal-fallut, jew, fin-nuqqas ta' akkordju, issir gradwazzjoni tal-kredituri sabiex dawn jitħallsu mill-prezz li jinġieb mill-bejgħ tal-assi tal-fallut. Fil-każ tallum, iżda, minħabba n-nuqqas ta' assi, la jista' jsir l-akkordju u lanqas huwa l-każ li ssir il-gradwazzjoni tal-kredituri.

Għal dawn ir-raġunijiet ma huwiex il-każ illi sseħħ ir-rijabilitazzjoni tal-falluti, iżda lanqas ma hemm utilità li jitkompla l-uffiċċju tal-kuratur billi ma hemmx beni x'jamministra l-kuratur[1].

Il-qorti għalhekk ittemm il-ħatra tal-kuraturi u l-istat ta' falliment sabiex hekk l-amministrazzjoni terġa' tiġi f'idejn il-konvenuti, b'dan illi l-kredituri jerġgħu jiksbu l-jeddijiet tagħhom kontra l-konvenuti fuq il-beni kollha li dawn għad jista' jkollhom.

L-ispejjeż kollha għandhom iħallashom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara Amabile Laferla *versus* Amabile Fiteni *et*, Q. Kumm. 7 ta' Novembru 1893.